MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1095/2003

**SMS Insurance Agency Ltd ghan-nom tas-socjeta' estera Ecclesiastical Insurance Office p.l.c. surrogata fid-drittijiet ta' Georgina Vella u l-istess Georgina Vella**

**Vs**

**Morgan Mifsud Bonello**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm435 (erba' mija u hamsa u tletin lira Maltin) rapprezentanti danni subiti mill-atturi wara l-incident stradali fid-data u fill-post indikati, bejn il-vettura JBC 542 misjuqa mill-attrici Georgina Vella u vettura BBB 294 mill-konvenut ghal liema incident jahti unikament il-konvenut. Mill-ammont mitlub Lm50(hamsin Lira) thallsu mill-attrici Georgina Vella bhala "excess".

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja ta' l-10 ta' Marzu, 2003 (Dok.A) ; l-ittra ufficjali tal-25 ta' April, 2003 (Dok.B) u l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ghal finijiet tal-Kap 104 (Dok. C) , u bl-imghax dekorribbli sa l-effettiv pagament.

Ra n-nota ta' ammissjoni prezentata llum seduta stante;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------